# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 44/2016 PC**

**Joseph Spiteri; u**
**Francis Spiteri**

**vs**

**Margaret Falzon; u**
**Salvu Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi Giuseppa Spiteri, xebba, bint il-mejtin Salvu Spiteri u Margaret nee Attard, twieldet u ġia residenti Sannat, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 72033(G) mietet fl-għaxra (10) ta' Mejju, tas-sena elfejn u għaxra (2010) u dan kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bħala Dok. J.S. 1;

Illi l-imsemmija Giuseppa Spiteri mietet xebba u impole fl-epoka tal-mewt tagħha, l-ġenituri tagħha kienu mejtu u ħutha, Caterina, Francescau Francesco kienu lkoll mejta, b'dan illi Francesco Spiteri, missier il-partijiet, waħdu, kellu t-tfal, ossia il-partijiet kollha f'din il-kawża u ċioe' Joseph Spiteri, Margaret Falzon, Francis Spiteri u Salvu Spiteri;

Illi mir-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bħala Dok. J. S. 2 jirriżulta li l-imsemmija Ġużeppa Spiteri mietet testat permeszz tat-testament tagħha tat-tnejn (2) ta' Frar, tas-sena elfejn u ħamsa (2005), fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech;

Illi skont l-imsemmi testament hawn anness u mmarkat bħala Dok. J.S. 3, permezz tal-ħames artikolu tiegħu hija nnominat u istitwixxiet "*bħala eredi universali tal-beni tagħha kollha in ġenerali, preżenti u futuri, mobbli u immobbli lin-nepputija tagħha Margaret Falzon, armla ta' Joseph Falzon, bid-dritt ta' sostituzzjoni volgari ta' wlieda f'każ li hija tmut qabel it-testatriċi, u bil-patt u l-kondizzjoni li Margaret Falzon u l-familjari tagħha jirrendulha dawk is-serviġi, kuri u assistenzi li hija jkollha bżonn sal-ġurnata ta' mewtha u li ma jirrikoverawiex f'dar jew istitut għall-anzjani*";

Illi premess li d-dispożizzjonijiet kondizzjonali ma ġiex sodisfatt jew attwwata għaliex l-imsemmija Giuseppa Spiteri mietet fid-dar ta' l-anzjani, f'Dar Sant' Anna, Rabat, Għawdex, fejn hija kienet rikoverata, liema dar hij dar jew istitut għall-anzjani u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi la darba l-imsemmija Margaret Falzon u l-familjari tagħha ma ssodisfawx din il-kundizzjoni u għalhekk l-imsemmija Margaret Falzon ma tistax tiġi istitwita bħala eredi universali tad-decuius;

Ili premess li d-decuius ma semmietx jew ma nnominatx werriet alternattiv għalhekk in mankanza ta' dan u l-fatt li Margaret Falzon ma ssodisfatx il-kundizzjoni sabiex tkun il-werrieta tal-imsemmija Giuseppa Spiteri, konsegwentement il-wirt u suċċessjoni tal-istess decuius għandu jiddevolvi fuq il-werrieta tagħha *ex lege*.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-Ħames Artikolu tat-testament ta' Giuseppa Spiteri tat-2 ta' Frar, 2005, fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech kien dispożizzjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet resoluttivi;

2. Tiddikjara li l-kundizzjonijiet kienu kumulattivi u waħda minn dawn l-imsemmija kundizzjonijiet ma avveratx ruħha stante illi t-testatriċi, id-decuius Giuseppa Spiteri mietet fid-dar tal-anzjani, Dar Sant' Anna, Rabat, Għawdex;

3. Konsegwentement, tiddikjara illi l-parti tat-testament fejn id-decuius ħalliet lil Margaret Falzon bħala werrieta tagħha ma għandhiex effett; u

4. Finalment tiddikjara ili l-wirt u suċċessjoni ta' Giuseppa Spiteri ddevolva fuq il-werrieta leġittimi skont l-ordni stabbilit għas-suċċessjoni *ab intestatio*, fil-kwoti li ser jiġu stabbiliti fil-mori tal-kawża;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma inġunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Salvu Spiteri li eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti huwa għal kollox estranju għall-kwistjonijiet personali li jidher li hemm bejn l-atturi fuq naħa u l-konvenuta Falzon fuq in-naħa l-oħra; liema kwistjonijiet wasslu għar-rikors ġuramentat nurmu 76/2012(JVC) deċiż in Prim' Istanza fit-28 ta' Ġunju 2016 (u preżentement fl-istadju ta' l-appell); u liema kwistjonijiet issa jidher illi wasslu wkoll għall-preżenti proċedura. Konsegwentement l-istess esponentila ma għandu interess jiġbed lejn naħa u anqas lejn oħra; b'dan pero illi għall-korrettezza huwa ma jistax ma jissottomettix:-

    a. Illi bir-rispett kollu dovut, dan l-argument da parti tal-atturi kien messu tressaq ferm u ferm qabel stante illi – almenu sa fejn huwa infurmat l-istess esponenti – l-istess atturi diġa <u>aċċettaw, akwijexxew u ottempraw ruħhom</u> ma' dak illi jipprovdi l-aħħar testment ta' Giuseppa Spiteri, u dan kif għandu jirriżulta wkoll mill-kontenut tal-proċess fl-ismijiet "Margaret Falzon vs. Joseph u Miriam konjuġi Spiteri et" (Rikors ġuramentat numru 76/2012 JVC);

    b. Illi f'każ pero illi jirriżulta illi l-ilment tal-atturi huwa tassew fondat, allura l-esponenti wkoll għandu jakkwista sehem indiviż mill-wirt u suċċessjoni tal-imsemmija Giuseppa Spiteri, u dana stante illi bħall-atturi l-esponenti huwa wieħed mill-werrieta *ex lege* tad-*decuius*; dejjem kemm-il darba jirriżulta illi t-testment attakkat ma għandux jirregola l-istituzzjoni tal-werriet/a ta' Giuseppa Spiteri; u

    c. Illi l-esponenti ma għandu jbati l-ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-proċedura stante illi jekk din il-kawża tiġi ġudikata favur l-atturi allura huwa għandu jgawdi minn sehm indiviż mill-wirt ta' Giuseppa Spiteri u, bħall-atturi, huwa ma għandux ibati spejjeż stante illi wara kollox hwa ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-vertenza li wasslet għal din il-kawża; mentri jekk il-kawża tiġi deċiża kontra l-atturi, allura l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom ibatuhom l-atturi stess stante illi din il-

kawża ġiet promossa minnhom mingħajr biss ma kkonsultaw mal-esponenti.

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Margaret Spiteri li eċċepiet illi:

1. Illi l-esponenti qed teċepixxi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* u dana peress illi l-eredita ta' Giuseppa Spiteri ġia ġiet likwidata fil-kawża fl-ismijiet Margaret Falzon vs Joseph u Miriam konjuġi Spiteri et (Rik. Ġur. Nru.: 76/2012) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit- 28 ta' Ġunju 2016;

2. Illi bla preġudizzju għal premess, bil-fatt tal-aċċettazzjoni tal-attur Joseph Spiteri stess fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Margaret Falzon vs Joseph u Miriam Spiteri et (Rik. Ġur. Nru. 76/ 2012) huwa ġie li rrinunzja għal jedd li setgħa kellhu li jimpunja t-testment ta' Giuseppa Spiteri kif qed jipprova jagħmel f'din il-kawża;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, bil-fatt li Francis Spiteri baqa' kontumaċi fl-atti tal-kawza Margaret Falzon vs Joseph u Miriam Spiteri et (Rik. Ġur. Nru. 76/ 2012) u ma' ħa l-ebda interess fil-proċeduri tal-istess kawża jammonta għal aċċettazzjoni u għaldaqstant huwa ġie li rrinunzja għal jedd li setgħa kellu li jimpunja t-testment ta' Giuseppa Spiteri kif jipprova jagħmel f'dan il-kawża;

4. Illi in vista tal-istess aċċettazzjoni minn naħa ta' Joseph Spiteri u Francis Spiteri, l-istess atturi allura ma għandhomx interess ġuridiku biex jippromwovu l-kawża odjerna;

5. Illi bla preġudizzju għal premess, id-disposizzjoni testamentarja li tinsab fil-ħames artikolu tat-testment ta' Giuseppa Spiteri tat-2 ta' Frar 2005 ma hijiex kundizzjoni iżda modalita tat-testment u allura d-disposizzjoni li permezz tagħha l-esponenti ġiet nominata eredi ma tistax tiġi riżoluta;

6. Illi bla preġudizzju ghal dak premess u fil-mertu, kien hemm ġustifikazzjoni għal fatt li Giuseppa Spiteri spiċċat f'Dar Sant Anna u dana preċiżament minħabba n-natura tal-mard li kellha l-istess

Giuseppa Spiteri. Infatti din ma baqgħetx toqgħod mal-esponenti fid–dar tagħha mhux b'kapriċċ iżda minn neċessita tal-mard li kellha l-istess Giuseppa Spiteri u fl-aħjar interess tagħha. Infatti avolja l-istess Giuseppa Spiteri kienet rikoverata f'Dar Sant' Anna, xorta waħda kienet l-esponenti biss minn ħutha li kienet iżżurha darbtejn kuljum u tieħu ħsieb li ma jonqosha xejn hekk kif del tronde dejjem għamlet fis-snin ta' qabel meta Giuseppa Spiteri kienet tgħix magħha;

7. Illi finalment it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li din hija kawża fiergħa u vessatorja intiża biss biex l-atturi jkomplu jtawwlu l-proċeduri bit-tama li l-esponenti qatt ma tieħu s-sehem spettanti lilha u għal dan il-għan din l-Onorabbili Qorti għandha tordna li l-atturi jiġu kkundannati jħallsu spejjeż doppji.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar 2017 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża: Rikors Ġuramentat Numru 76/2012 fl-ismijiet "Margaret Falzon vs Joseph Spiteri et., deċiż minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta' Ġunju 2016.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Mejju 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Margaret Falzon u l-eċċezzjoni numerata "1a" tal-konvenut l-ieħor Salvu Spiteri.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-konvenuti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jittentaw jiksbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni fis-sens li klawsola fit-testment tat-2 ta' Frar 2005 ta' Giuseppa Spiteri, zija xebba tal-kontendenti li mietet *improle*, kienet waħda b'kondizzjoni riżoluttiva, li ma ġietx osservata mill-konvenuta Margaret Falzon, unika eredi tagħha skont l-istess testament, u li konsegwentement l-eredita' tal-imsemmija Giuseppa Spiteri għandha taqa' fuq il-kontendenti kollha bħala l-eredi tagħha *ex lege*.

Il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet preliminari li ser jiġu ttrattati u deċiżi permezz ta' din is-sentenza.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha l-konvenuta Margaret Falzon teċċepixxi r-*res judicata*. Imma jirriżulta lill-Qorti, wara l-verifiki li għamlet mar-Reġistru, li kien sar appell minn din il-kawża, li għalhekk għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. L-eċċezzjoni ser tiġi għalhekk miċħuda minnufih mingħajr ebda indaġini ulterjuri.

Bit-tieni u t-tielet eċċezzjoni ta' Margaret Falzon, u l-eċċezzjoni "1a" ta' Salvu Spiteri, qed jingħad illi bil-fatt li l-atturi ġia aċċettaw kif għandha ssir id-diviżjoni tal-eredita' tal-imsemmija Giuseppa Spiteri, huma ġew li rrinunzjaw għad-dritt li issa jimpunjaw xi parti mit-testment tagħha, li a bażi tiegħu ġew stabiliti l-ishma rispettivi tagħhom mill-istess eredita.' Infatti jirriżulta li l-attur presenti Joseph Spiteri, dakinhar flimkien ma' martu, permezz ta' Nota tiegħu fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Margaret Falzon vs Joseph Spiteri et." li kienet titratta d-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' missier il-kontendenti u dawk ta' żewġ zijiet tagħhom, inklużi dawk ta' Giuseppa Spiteri, [1] kien iddikjara testwalment:

"*…Illi permezz ta' din in-nota l-esponenti qeghdin jiddikjaraw illi l-ishma kif indikati fil-lista hawn fuq imsemmija huma korretti u dan stante illi jirrizultaw mill-kuntratti relattivi u mit-testmenti relattivi tal-persuni involuti u ghalhekk m'ghandhomx oggezzjoni illi l-assi kollha hemm imsemmija jigu divizi fil-kwoti kif indikati…*".[2]

B'hekk jiġi li Joseph Spiteri ntrabat u aċċetta li l-assi appartenenti l-eredita' ta' Giuseppa Spiteri kellhom jinqasmu skont ma' ġie muri fil-lista li għaliha saret referenza fl-istess dikjarazzjoni tiegħu. Bil-mod kif inħadmu l-ishma rispettivi, ġie li aċċetta wkoll id-disposizzjonijiet testamentari tal-istess testatriċi, li sa dakinhar għalhekk ma kellu ebda kontestazzjoni dwarhom. L-attur presenti l-ieħor, Francis Spiteri, għalkemm ma kienx komparteċipi f'din in-Nota, billi f'dik il-kawża baqa' kontumaċi, jidher li mpliċitament aċċetta wkoll dan il-mod kif kellha ssir id-diviżjoni, għax altrimenti, għalkemm kontumaċi, seta' qajjem l-oġġezzjonijiet tiegħu f'xi Nota ta' sottomissjonijiet qabel ma' dik il-kawża tħalliet għas-sentenza, kif il-liġi tagħtih kull opportunita' li jagħmel, ħaġa li pero' baqa' ma għamilx. B'dan l-aġir tagħhom l-atturi presenti ġew għalhekk li rrinunzjaw għal kwalukwe dritt li seta' kellhom li jikkontestaw xi disposizzjoni minn dan it-testment.

L-eċċezzjoni preliminari l-oħra tirrigwarda n-nuqqas ta' nteress ġuridiku fl-atturi li jippromwovu din il-kawża. Il-**Mattirolo**[3] ifissier b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

[1] Rik.Gur. Nru76/2012, deciz fil-prim istanza fit-28.06.2016
[2] Ara Nota tat-30.01.2015 a fol. 164 tal-process tal-kawża: Nru.76/2012
[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano;Torino 5ta. Ed. 1902 # 54 et. seq. pag.50 -52

*"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**….l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale.***

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente"* .

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza,malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello,e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio"* .[4]

Din l-eċċezzjoni hija konsegwenza naturali tal-eċċezzjonijiet li għadhom kemm ġew ittrattati. Għalkemm jista' jingħad li l-atturi kellhom interess

[4] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez vol.XXVII.I.507

dirett personali u leġittimu jippromwovu din il-kawża, billi huma kienu ser ikunu tnejn mill-eredi *ex lege* tal-imsemija Giuseppa Spiteri, kemm il-darba kellhom jingħataw raġun fit-teżi tagħhom li l-kondizzjoni mposta mid-*decujus* fit-testment imsemmi tagħha kienet waħda riżolutiva li ma ġietx rispettata mill-konvenuta Margaret Spiteri, ma jistax jingħad ukoll li dan l-interess kien wieħed attwali. Dan għar-raġuni ndikata hawn fuq u ċioe' li bl-aċċettazzjoni tal-mod kif kellha ssir id-diviżjoni tal-eredita' ta' Giuseppa Spiteri, huma ġew li rrinunzjaw għad-dritt li jikkontestaw it-testment tagħha li a bażi tiegħu ġew stabiliti l-ishma rispettivi tal-kontendenti.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Margaret Falzon, tilqa' it-tieni, t-tielet u raba eċċezzjoni tagħha, u tilqa' wkoll l-eċċezzjoni "1a" tal-konvenut l-ieħor Salvu Spiteri, u tiddikjara li peress li l-atturi bl-aġir tagħhom stess f'kawża għad-diviżjoni, *inter alia*, tal-assi ereditarji tal-mejta Giuseppa Spiteri, ġew li rrinunzjaw għad-dritt li jikkontestaw xi disposizzjoni testamentarja li a bażi tagħha kellha ssir dik id-diviżjoni, konsegwentement tilfu ukoll kull interess ġuridiku li jimpromwovu din il-kawża. Għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

25.10.2017 – Sup44.2016 – Spiteri Joseph et vs Falzon Margaret et
2340